32006R0108

27.1.2006 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 24/1

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 108/2006

tal-11 ta' Jannar 2006

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1725/2003 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità bi qbil mar-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-Istandards ta' Rappurtar Finanzjarju Internazzjonali (IFRS) 1, 4, 6 u 7, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 1, 14, 17, 32, 33 u 39, l-Interpretazzjoni 6 tal-Kumitat għall-Interpretazzjoni tar-Rappurtar Finanzjarju Internazzjonali (IFRIC)
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 dwar l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità[1], u b' mod partikolari l-Artikolu 3 (1) tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tar-Regolament tal-Kumissjoni (KE) Nru 1725/2003[2] ġew adottati ċerti standards internazzjonali u interpretazzjonijiet li kienu fis-seħħ fl-14 ta' Settembru 2002.

(2) Fit-30 ta' Ġunju 2005, il-Bord ta' l-Istandards Internazzjoni tal-Kontabilità (IASB) ħareġ Emendi għall-IFRS 1 *Adozzjoni għall-Ewwel darba ta' l-Istandards ta' Rappurtar Finanzjarju Internazzjonli* u l-Bażi għall-Konklużjonijiet ta' IFRS 6 *Tfittxija għal u evalwazzjoni ta' riżorsi minerali*, biex tiġi ċċarata l-binja tal-kliem ta' eċċezzjoni mogħtija lil dawk li jkunu qed jadottaw l-IFRS għall-ewwel darba u li jagħżlu li jadottaw l-IFRS 6 qabel l-1 ta' Jannar, 2006.

(3) Fit-18 ta' Awissu 2005, l-IASB ippubblika IFRS 7 *Strumenti finanzjarji: Żvelar* Dan daħħal rekwiżiti ġodda biex tittejjeb l-informazzjoni dwar strumenti finanzjarji li

[1] ĠU L 243, 11.9.2003, p. 1.
[2] ĠU L 261, tas-13.10.2003, p.1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1073/2005 (ĠU L 175, tas-8.7.2005, p. 1)

tingħata fir-rapporti finanzjarji ta' l-entitajiet. Jieħu post IAS 30 *Żvelar fir-Rapporti Finanzjarji tal-Banek u Istituzzjonijiet Finanzjarji Simili* u ta' wħud mir-rekwiżiti fl-IAS 32 *Strumenti Finanzjarji: Żvelar u Preżentazzjoni.*

(4) Fit-18 ta' Awissu 2005 l-IASB ħareġ ukoll Emeda għal IAS 1 *Preżentazzjoni ta' Rapporti Finanzjarji – Pubblikazzjoni ta' Kapital* li ddaħħal rekwiżiti għal żvelar dwar il-kapital ta' entità.

(5) Fit-18 ta' Awissu 2005 l-IASB ħareġ Emendi għal IAS 39 *Strumenti Finanzjarji: Għarfien u Kejl* u IFRS 4 *Kuntratti ta' Assikurazzjoni - Kuntratti ta' Garanziji Finanzjarji.* L-emendi huma maħsuba biex jiġi żgurat li dawk li joħorġu kuntratti ta' garanziji finanzjarji jinkludu l-passiv li jirriżulta fil-karta tal-bilanċ.

(6) Fl-1 ta' Settembru 2005 il-Kumitat għall-Interpretazzjoni tar-Rappurtar Finanzjarju Internazzjonali (IFRIC) ippubblika l-Interpretazzjoni 6 *Responsabbiltajiet li joħorġu mill-parteċipazzjoni f'suq speċifiku – Apparat elettriku u elettroniku għar-rimi,* minn issa 'l quddiem imsejjħa 'IFRIC 6'. L-IFRIC 6 tikkjarifika l-kontabilità għal responsabbiltajiet dwar spejjeż għall-ġestjoni ta' l-ilma.

(7) Il-konsultazzjoni ma' esperti tekniċi fil-qasam tikkonferma li l-IFRS 1, l-IFRS 4, l-IFRS 7, l-IAS 1, l-IAS 39 u l-IFRIC 6 jissoddisfaw il-kriterji tekniċi biex ikunu adottati, liema kriterji huma stipulati fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002.

(8) L-adozzjoni ta' l-IFRS 7 timplika, bħala konsegwenza, li għandhom isiru emendi lil standards internazzjonali ta' kontabilità oħrajn biex ikun hemm il-konsistenza bejn l-istandards internazzjonali tal-kontabilità. Dawk l-emendi li jridu jsiru bħala konsegwenza qed jaffettwaw lill-IFRS 1, l-IFRS 4, l-IAS 14, l-IAS 17, l-IAS 32, l-IAS 33 u l-IAS 39.

(9) Ir-Reġolament (KE) Nru 1725/2003 għandu għalhekk jiġi f'dan is-sens emendat.

(10) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Regolatorju dwar il-Kontabilità.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1725/2003 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Istandard ta' Rappurtar Finanzjarju Internazzjonali (IFRS) 1 *Adozzjoni għall-Ewwel darba ta' IFRSs* huwa emendat skond l-Emendi għall-IFRS 1 u l-Bażi għall-Konklużjonijiet ta' IFRS 6 *Tfittxija għal u l-evalwazzjoni ta' riżorsi minerali* kif stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

(2) L-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 30 Żvelar fir-Rapporti Finanzjarji tal-banek u istituzzjonijiet finanzjarji simili huwa mibdul bl-IFRS 7 *Strumenti Finanzjarji: Żvelar* kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

(3) L-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 1 *Preżentazzjoni ta' Rapporti Finanzjarji – Pubblikazzjoni ta' Kapital* huwa emendat skond l-Emenda għall-IAS 1 kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

(4) IAS 39 *Strumenti Finanzjarji: Għarfien u Kejl* u IFRS 4 *Kuntratti ta' Assikurazzjoni* huma emendati skond l-Emendi lill-IAS 39 u l-IFRS 4 kif stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

(5) L-Interpretazzjoni 6 tal-Kumitat għall-Interpretazzjoni tar-Rappurtar Finanzjarju Internazzjonali (IFRIC) *Responsabbiltajiet li joħorġu mill-parteċipazzjoni f'suq speċifiku – Apparat elettriku u elettroniku għar-rimi* qed tiddaħħal kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

(6) L-adozzjoni ta' l-IFRS 7 timplika, bħala konsegwenza, li għandhom isiru emendi għall-IFRS 1 u 4, u l-IAS 14, l-IAS 17, l-IAS 32, l-IAS 33 u l-IAS 39 skond l-Appendiċi C ta' l-IFRS 7 kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

(7) L-IAS 32 huwa emendat skond l-Emendi lill-IAS 39 u l-IFRS 4 kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

(8) Kull kumpanija għandha tapplika l-Emendi għall-IFRS 1 u l-Emendi għall-IAS 39 u l-IFRS 4 kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament mhux aktar tard mid-data tal-bidu tas-sena finanzjarja 2006 tagħha.

(9) Kull kumpanija għandha tapplika l-IFRS 7 u l-Emendi għall-IAS 1 kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament mhux aktar tard mid-data tal-bidu tas-sena finanzjarja 2007 tagħha.

(10) Kull kumpanija għandha tapplika l-IFRIC 6 kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament mhux aktar tard mid-data tal-bidu tas-sena finanzjarja 2006 tagħha.

Madankollu, kumpaniji li jibdew is-sena f'Diċembru għandhom japplikaw l-IFRIC 6 mhux aktar tard mill-bidu tas-sena finanzjarja 2005 tagħhom.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Jannar 2006.

Għall-Kummissjoni
Charlie McCREEVY
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Għal verżjoni aġġornata u konsolidata tal-istandard/s imsemmi/ja f'dan ir-Regolament, ara r-Regolament tal-Kummissoni (KE) Nru 1126/2008 tat-3 ta' Novembru 2008

li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 320, 29.11.2008, p. 1-481.